MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2012

Avviz Numru. 231/2012

**Wara l-hrug tal-ittra ufficjali (taht il-procedura tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) pprezentata fit-30 t'April, 2012 u reza ezekuttiva fid-19 ta' Gunju, 2012 u wara l-prezentata tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1721/2012CSH datat 22 ta' Gunju, 2012 fl-ismijiet:-**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**Vs**

**Jacqueline Carr (ID 31176A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors in ezami li bih ir-rikorrenti, Jacqueline Carr, wara li ppremettiet ilil fil-granet li ghaddew l-esponenti giet mgharrfa mill-kumpanija li timpjegaha, cioè, Sun Route Hotels Limited, illi din kienet giet notifikata bhala

sekwestratarja minn HSBC Bank Malta p.l.c. f'mandat ta' sekwestru ezekuttiv (kopja annessa u mmarkata bhala Dok JC1) mahrug mill-bank kontra l-istess Jacqueline Carr in esekuzzjoni tal-ittra ufficjali fuq imsemmija mahruga taht il-procedura tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (kopja annessa u mmarkata bhala Dok JC2);

Illi dan ir-rikors qieghed isir a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-esponenti ma kienitx taf bil-kontenut tal-ittra ufficjali msemmija peress illi ma gietx notifikata kif imiss u billi l-ittra ufficjali msemmija ma tissodisfax il-kweziti tas-Sub-Artikolu 3 tal-Artikolu 166A fuq imsemmi ghar-ragunijiet segwenti:

Illi qabel xejn ghandu jinghad li l-esponenti hija cittadina Ingliza u ghalkem tirrisjedi gewwa Malta hija ma tifhimx bil-lingwa Maltija;

Illi fil-5 ta' Mejju, 2012 l-esponenti rceviet l-ittra ufficjali msemmija bil-posta flimkien ma' estratt mill-Att dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz);

Illi l-Artikolu 5(1) tal-istess Att, riprodott f'tali estratt naturalment pero fil-lingwa Ingliza, jipprovdi illi: ***"5(1) Meta ghandu jigi notifikat xi att lil xi persuna li r-registratur ikollu raguni li jahseb li titkellem bl-Ingliz, ir-registratur ghandu jara li ssir traduzzjoni tieghu fl-ilsien Ingliz minn ufficjal tar-registru u n-notifika tigi effettwata billi tigi konsenjata kopja tal-original u t-traduzzjoni tieghu."***;

Illi l-esponenti ma gietx notifikata bit-traduzzjoni tal-ittra ufficjali msemmija fil-lingwa Ingliza;

Illi l-Artikoli 5(2) u 5(3) tal-istess Att, ukoll riprodott fl-estratt li gie moghti lill-esponenti, jkompli jghidu hekk: ***"5(2) Jekk, ghal xi raguni tkun li tkun, it-traduzzjoni bl-Ingliz ta' xi att bhal dak ma tigix notifikata lil persuna li titkellem bl-Ingliz dik il-persuna tista' taghmel fir-registru, jew tibghat lir-registratur, b'kull mod,***

***dikjarazzjoni fis-sens li hija persuna li titkellem bl-Ingliz u titlob traduzzjoni bl-Ingliz tal-att notifikat lilha. 5(3) Wara xi talba bhal dik, ir-registratur ghandu jara li ssir traduzzjoni tal-att kif intqal qabel u li tigi konsenjata lill-applikant kemm jista' jkun malajr; u, jekk f'kaz bhal dan it-talba msemmija tasal fir-registru tal-qorti mhux aktar tard mill-hin stabbilit ghall-gheluq tieghu fit-tielet gurnata tax-xoghol wara d-data tan-notifika tal-kopja tal-att originali, kull terminu legali jew gudizzjarju li l-bidu tieghu jkun jiddependi min-notifika tal-att orgigianli ghandu jibda jghaddi mid-data tal-konsenja tat-traduzzjoni."***

Illi meta l-esponenti rrikorriet ghall-ghajnuna fir-Registru tal-Qrati Civili sabiex tapplika ghat-traduzzjoni tal-ittra ufficjali msemmija, hija giet infurmata illi m'ghadhiex prassi illi r-Registratur tal-Qrati jaghmel traduzzjonijiet f'kazijiet bhal dawn;

Illi ghalhekk l-esponenti, peress illi setghet taghraf il-kelma "HSBC Bank Malta p.l.c." mid-dicitura tal-ittra ufficjali, hija ssoponiet illi din l-ittra kienet tikkoncerna incident ricenti fejn il-bank beda jishaq illi huwa ghadda xi hlas zejjed lill-esponenti meta din marret biex issarraf xi flus fil-fergha tal-Mosta;

Illi ghaldaqstant, minghajr ma' kellha l-ebda hjiel illi dan ma kienx il-mod legali ta' kif wiehed seta' jirrispondi u jikkontesta l-ittra ufficjali msemmija, l-esponenti hadet hsieb illi fil-21 ta' Mejju, 2012 tibghat ittra registrata bil-posta lill-Branch Manager tal-HSBC Bank Malta p.l.c. (kopja annessa u mmarkata bhala Dok JC3) sabiex tinfurmahom illi hija kienet qed terga' tinsisti illi l-ammont rikjamat mill-bank, u cioe' dak ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) ma kienx dovut minnha;

Illi din l-ittra giet ricevuta mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fis-26 ta' Mejju, 2012 kemm fil-*branch* tal-Mosta u kif ukoll fil-*branch* tal-Belt Valletta;

Illi minkejja illi t-terminu ta' tletin gurnata sabiex l-esponenti tikkuntesta l-ittra ufficjali kien ghadu ghaddej, il-

Bank ghazel illi ma jwegibx u lanqas ma gibed l-attenzjoni tal-esponenti dwar tali terminu;

Illi inoltre, anke li kieku l-esponenti setghet tifhem bil-lingwa Maltija, jirrizulta minghajr ombra ta' dubju, illi l-ittra ufficjali msemmija ma tissodisfax il-kweziti tas-Sub-Artikolu 3 tal-Artikolu 166A billi ma kienx fiha intimazzjoni lill-esponenti li: ***"jekk hija ma twegibx fi zmien tletin jum mindu tigi notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali billi tipprezenta nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u pprezentata fil-Qorti mid-debitur stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali*** *(sottolinear mizjud mill-esponenti)* ***dik l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv."***

Illi n-nuqqas tal-HSBC Bank Malta p.l.c. illi jintima lill-esponenti hekk kif mitlub f'tali subartikolu huwa wiehed serju hafna billi dan ir-rekwizit huwa *ad validitatem* u s-sanzjoni hija n-nullità tal-ittra ufficjali nnifisha;

Illi ma kienx ghalxejn illi l-legislatur iddecieda illi oltre l-avviz rikjest mill-Avviz Legali 278 tal-2005 taht l-intestatura tal-Qorti (liema avviz ghandu jinghad illi gie stampat kif suppost mill-HSBC Bank Malta p.l.c.), hemm bzonn ukoll illi l-kreditur jindika lid-debitur kif ghandu jaghmel biex jikkontesta l-ittra ufficjali, ghaliex altrimenti kieku ma kienx hekk, din il-procedura tkun miftuha ghall-abbuzi serji minn min jaf kif tithaddem il-procedura kontra dawk li ma jafux;

Illi l-esponenti thoss illi sfortunatament il-bank intimat kien ben konxju ta' dan kollu u ghazel li jipprocedi b'mod kemmxejn makkjavellan sabiex zball maghmul minn wahda mill-impjegati tieghu jitghattta kemm jista' jkun malajr minghajr proceduri fit-tul.

Ghaldaqstant premess is-suespost l-esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smigh fi zmien gimghatejn;

2. Tirrexxindi u tiddijara null u bla effett l-ittra ufficjali (taht il-procedura tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) pprezentata fit-30 t’April, 2012 u reza ezekuttiva fid-19 ta’ Gunju, 2012 mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fil-konfront tal-esponenti;
3. Tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1721/2012CSH datat 22 ta’ Gunju, 2012 fl-istess ismijiet indikati fl-okkju ta’ dan ir-rikors.

Bl-ispejjez kollha kontra l-HSBC Bank Malta p.l.c. u b’riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skont il-Ligi.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 4 sa fol 10 tal-istess att u markati **Dok JC1 sa Dok JC3.**

Rat id-digriet taghha preliminari a fol 11 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-Bank intimat a fol 13 u li fiha intqal bil-qima:

Illi dan huwa rikors skont l-artkolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 li jipprovdi rimedju ghat-thassir ta’ att ezekuttiv jekk u meta jkun hemm raguni valida skont il-Ligi;

Illi l-bank esponenti hareg il-mandat in kwistjoni wara li akkwista titolu ezekuttiv permezz tal-ittra ufficjali surreferita, liema ittra ufficjali giet reza ezekuttiva wara li ma saritx oppozizzjoni mir-rikorrenti kif rikjest mil-ligi;

Illi l-pretensjonijiet allegati mir-rikorrenti li hija ma kienetx taf bil-kontenut tal-ittra ufficjali surreferita stante li hija ma tifhimx bil-lingwa Maltija huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi l-artikolu 5 tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu kien ikkwotat fuq wara tal-imsemmija ittra ufficjali u dan kif jirrizulta minn dokument JC2 anness mar-rikors promotur, jistipola illi huwa l-obbligu tar-Registratur ***jekk jkollu raguni li jahseb li l-persuna li ghandha tigi notifikata b’xi att titkellem bl-Ingliz, ghandu jara li ssir it-traduzzjoni fl-ilsien Ingliz.*** Stante li din it-traduzzjoni ma saritx anzi l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva mid-Deputat Registratur ta’ din l-Onorabbli

Qorti wara li ghamel il-verifiki necessarji kollha, il-bank esponenti m'ghandu l-ebda tort li r-rikorrenti allegatament ma fehmitx il-kontenut ta' l-ittra. Fid-dawl ta' dan, in-notifika kienet wahda valida u ghaldaqstant l-bank esponenti kellu kull dritt li johrog mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra r-rikorrenti stante li kien akkwista titolu ezekuttiv bil-mod kif tippermetti l-ligi;

Illi ghalkemm debitament notifikata skont il-ligi bl-ittra ufficjali, ir-rikorrenti Jacqueline Carr qatt ma ghamlet ebda nota ta' twegiba fiz-zmien stipulat ghall-istess ittra tal-bank esponenti;

Illi in oltre, ir-rikorrenti Jacqueline Carr ma segwietx il-procedura stipulata fl-artikolu 5(2) tal-Kap. 189 stante illi hija qatt ma ghamlet ***b'kull mod*** dikjarazzjoni li hija persuna li titkellem bl-Ingliz u iktar u iktar qatt ma tablet lir-Registratur sabiex issir l-imsemmija traduzzjoni, liema nuqqas huwa biss tar-rikorrenti u zgur li mhux nuqqas minn xi obbligu illi l-bank esponenti kellu a favur tar-rikorrenti Jacqueline Carr, u zgur li m'hijiex kwistjoni ta' prassi izda hija kwistjoni procedurali dettata mil-ligi stess;

Illi jekk wiehed jaqra l-ittra mibghuta mir-rikorrenti lill-esponenti, wiehed jista' carament jinduna illi r-rikorrenti fehmet ferm sewwa x'kien il-kontenut ta' din l-ittra ufficjali u mhux ghax rat il-kliem HSBC Bank Malta p.l.c. Minkejja dan ghazlet li ghalkemm imwissija tkellem Avukat sabiex tirrispondi ghall-ittra ufficjali kif stipulat taht l-artikolu 166A hija injorat din l-intimazzjoni u ghazlet li tinjora din l-ittra u tirrispondiha kif tah hi u mhux kif rikjest mil-ligi;

Illi l-Qorti tal-Appell fl-appell fl-ismijiet Mediterranean Building Finishes Limited vs Scala Developments Limited deciza fil-31 ta' Jannar, 2011 sostniet li:

***"Il-ligi trid li jekk ittra ufficjali tigi kontestata, il-materja tieqaf hemm u l-pretiz kreditur ikun irid jipprocedi b'kawza biex jakkwista kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu. Jekk min-naha l-ohra, l-ittra ufficjali ma tigix kontestata, ma tridx lid-debitur jerga' jiftah il-kaz wara l-akkwist tat-titolu ezekuttiv, hlief f'kaz li l-Ittra Ufficjali***

***tkun difettuza fil-forma jew ma saritx in-notifika taghha skont il-ligi. Il-Legislatur ma riedx li debitur jinjora l-Ittra Ufficjali, in estremis jipprova jikkontesta t-titolu u jistultifika l-ezekuzzjoni tat-titolu akkwistat b'allegazzjonijiet li jolqtu l-meritu tal-pretensjoni kif dedotta mill-mittent fl-Ittra Ufficjali li giet reza ezekuttiva"***;

Illi l-bank mar oltre u fuq wara tal-ittra ufficjali kkwota l-artikolu 5 bl-Ingliz biex jekk il-persuna li qed tircievi ma titkellimx bil-lingwa Maltija hija tkun taf id-drittijiet taghha u timxi fuqhom, izda dan ir-rikorrenti ghazlet li tinjorah u allura issa ma tistax tigi tallega illi hija ma fehmitx il-kontenut tal-ittra u tipprova tattakka l-atti ezekuttivi. Huwa biss meta l-kumpanija li timpjegaha u cioe Sun Route Hotels Limited zammitilha mis-salarju li hija qalghet il-kontestazzjoni li ma tifhimx bil-Malta izda meta rceviet l-ittra ufficjali hi ma sabitiex bi tqila biex irrispondiet ghal kontenut tal-istess;

Illi mhuwiex minnu li l-ittra ufficjali hija nieqsa mir-rekwiziti rikjesti mill-istess artikolu 166A stante illi t-twissija fuq l-ittra ufficjali pprezentata mill-bank kontra r-rikorrenti twissi carament lir-rikorrenti illi jekk ma twegibx din l-ittra fiz-zmien 30 gurnata min-notifika din tikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Il-Bank tant ma kienx qed juza xi tattika sabiex isir abbuz minn din l-ittra ufficjali sabiex jaghmel xi short cut sabiex jakkwista titolu ezekuttiv bhalma qed tallega r-rikorrenti, illi ma oltre billi nforma lill-istess rikorrenti li huwa fl-interess taghha li tkellem lill-Avukat jew Prokuratur Legali sabiex jidderigiha ahjar meta l-artikolu 166A(3) dan ma jistipolahiex.

Ghaldaqstant ir-rikos ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta illi fit-30 ta' April, 2012, il-Bank intimat ppresenta, kontra r-rikorrenti <u>ittra ufficjali</u> (ara fol 7 ibid) a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li biha din giet interpellata sabiex thallas l-

ammont ta' flus hemm specifikat u ghar-raguni hemm specifikata.

Fl-istess att gudizzjarju, bil-lingwa Maltija hemm imnizzla it-twissija li f'kaz illi r-rikorrenti "…ma twegibx fi zmien tletin (30) jum minn notifika…din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali…."

Mal-istess att, kien hemm anness estratt mil-ligi "Judicial proceedings (Use of English Language) Act" hawn fuq citat fir-rikors promotur. Difatti skont kif xehedet l-istess rikorrenti, hi kienet ikkomunikat mal-persuni specifikati fl-istess xhieda u dawn irrisponduha illi ma kienetx aktar il-prassi illi r-Registratur johrog traduzzjoni bl-Ingliz ta' att gudizzjarju bil-Malti (ara x-xhieda tar-rikorrenti a fol 18 et seq ibid). Ghalhekk, fit-terminu tat-tletin (30) jum min notifika hawn fuq imsemmi, hi kienet wiegbet permezz ta' ittra registrata esebita a fol 9 u fol 10 tal-istess atti u li biha hi opponiet ghal dak mitlub fl-istess ittra ufficjali. Cjononostante, l-istess ittra giet reza ezekuttiva, possibilment peress li l-opposizzjoni ma kienetx saret bin-nota rikjesta mil-Ligi u ghalhekk il-bank intimat kien ottjena il-hrug tal-mandat ezekuttiv ta' sekwestru in esami, wkoll (ara fol 4 sa fol 6 tal-istess att).

**Ikkunsidrat**

Illi, suntetizzati l-fatti in esami kif rizultanti mill-provi prodotti, jirrisulta minnhom illi:-

a) Ir-rikorrenti qatt ma rceviet traduzzjoni tal-ittra ufficjali bil-lingwa Ingliza u dan avolja hi talbet, a bazi tal-estratt imsemmi, din it-traduzzjoni mill-Awtorita kompetenti.

b) Hu minnu illi hi opponiet ghal dak mitlub fl-istess ittra ufficjali permezz ta' ittra registrata u mhux b'nota u dan minhabba l-fatt illi hi kienet taf x'kienet l-unika vertenza li kellha mal-istess Bank.

c) Fl-istess ittra ma kienx imnizzel x'inhi l-procedura skont il-ligi, sabiex tigi registrata oppozizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi f'kazijiet bhal dawk in esami din il-Qorti trid tkun attenta sabiex tara li persuna tkun giet interpellata skont l-Att, hawn fuq citat, dwar Proceduri Gudizzjarji (Uzu tal-Ilsien Ingliz) u li fl-istess ittra, in konformita mas-subartikolu 3 tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 imsemmi.

Illi f'dan il-kaz, jirrizulta z-zewg mankanzi a bazi ta' dak li ghadu kemm inghad fil-paragrafu tal-ahhar. Illi certament dawn il-mankanzi ma jistghux jigu deskritti bhala minimi u ta' importanza zghira anzi huma ta' certa gravita trattasi ta' materja b'konsegwenzi drastici u drakonjani f'kaz li ma tigix prezentata n-nota in oppozizzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti fl-intier.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti mill-istess rikors u:

1. Tirrexindi u tiddikjara null u bla effett l-ittra ufficjali (taht il-procedura tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) pprezentata fit-30 t'April, 2012 u reza ezekuttiva fid-19 ta' Gunju, 2012 mill-HSBC Bank Malta p.l.c. fil-konfront tal-esponenti;
2. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1721/2012CSH datat 22 ta' Gunju, 2012 fl-istess ismijiet indikati fl-okkju ta' dan ir-rikors.

In rigward l-ispejjez ta' din il-proceudra, il-Qorti tordna li dawn jithallsu, kollha kemm huma mill-istess Bank intimat,

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------